# L-innu f'ġieħ San Lawrenz

*Joseph F. Porsella-Flores*

L-INNU popolari f'ġieħ San Lawrenz jaf il-bidu tiegħu kważi mitt sena ilu. L-anzjani ta' qrib it-tmenin sena, jew fuqhom, jafuh ukoll bħala l-innu "tal-Mammana", l-awtur tiegħu. Dan kien Patri Ġiżwita, Salvatore Mammana, li kitbu bit-Taljan fis-sena 1908.

Għall-pjaċir tal-qarrejja qed nirriproduċuh hawn taħt, kif kien stampat f'dik is-sena stess. Fih erba' strofi ta' tmien versi il-waħda. Naqraw ukoll in-*Nihil Obstat* tal-Knisja, jiġifieri li ma fih xejn ħażin li jżommhu milli jkun mxandar.


1908.

A San Lorenzo Martire

PROTETTORE DELLA CITTÀ VITTORIOSA.

INNO

A Te l'inno alato,
Lorenzo beato!
È il grido d'un popolo,
è l'eco del cor.
Sei faro di luce,
che al ciel ne radduce;
di speme sei l'àncora,
sei pegno d'amor.

Un dì da gli spaldi
pugnasti co' baldi
nostr' Avi, e il tuo popolo
i Traci domò.
E il Duce con l'armi
Ti rese i suoi carmi,
e da la Vittoria
quest' urbe nomò.

La Patria vittrice
Ti plaude e ci dice:
—Lorenzo a grand' opere
v' infonda l'ardir.
Finchè s' erge in gloria
l'alata Vittoria,
Lorenzo fia l'auspice
del vostro avvenir!

T' offriamo devoti
gl' incensi ed i voti,
che gli Avi T'indissero
in questa Citta.
Tu rendici invitti
ne gli aspri conflitti,
le sorti ci tempera
in tutte le età.

P. S. MAMMANA S. J.

Nihil Obstat—Die 6 Aug: 1908,—S. Can: Grech, *Vic. Gen.*

*L-Innu lil San Lawrenz kif deher stampat fl-1908*

Bħala turija ta' ħajr lill-Patri Mammana, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata stiednu biex is-sena ta' wara, 1909, jinseġ il-paneġierku fil-quddiesa kantata "ta' b'sebgħa" ad unur ta' San Lawrenz.

Ma kinetx ħaġa rari dak iż-żmien li fil-festa tal-parroċċa jinkitbu u jitqassmu innijiet (sunetti) ad unur tal-qaddis padrun tal-parroċċa ta' dik il-belt jew raħal. Imma dan l-innu ta' Patri Mammana kien jiżboq oħrajn, ta' qablu u ta' warajh. Kien jonqsu biss li jkun mużikat biex jista' jindaqq u jitkanta. Dan seħħ ħames snin wara, fl-1913. Ta' min hi l-mużika? Għalkemm din hi attribwita lil Mro Lorenzo Galea, jidher iżda li kien ċertu Dun Antonio Galea li kkomponiha. Dan nafuh minn kitba fil-gazzetta IS-SALIB tas-16 ta' Awissu 1913, li d-direttur tagħha kien Alfredo Lucchese PL, Vittoriosan.

Ħalli nġibu silta mill-ħarġa li semmejna[1]:

### Innu Ġdid

*"Bir-raġun kollu bosta nies faħħru l-innu dedikat lill-kbir Levita Martri San Lawrenz, protettur tal-Belt Vittoriosa, miktub mill-għaref Patri Ġiżwita Luigi Mammana għall-okkażjoni tal-festa ta' dan il-kbir qaddis[2]. L-idea li jiġi magħmul dan l-innu, kif aħna nfurmati, kienet tal-Kan Teologu Dun Giovanni Maria Farrugia u Dun Franġisk Cachia, u ċertament kienet feliċi ħafna għax billi dan l-innu ġie kantat waqt il-purċissjoni, din tmexxiet b'serjetà u devozzjoni l-aktar edifikanti. In-noti huma ta' Dun Antonio Galea u huma verament xi ħaġa sabiħa. Il-kanturi kienu bosta u fosthom kien hemm ħafna żgħażagħ ta' vuċi bil-bosta sabiħa. Dawn il-kanturi kienu mgħallmin mill-organista tal-knisja ta' San Lawrenz, Lorenzo Galea flimkien ma' l-imsemmi Kan Teologu Dun GM Farrugia li jimmeritahom it-tifħir tal-Birgu kollu għall-paċenzja li kellhom biex għallmu lill-imsemmija kanturi."*

*Ikompli f'paġna 139*

*Ikompli minn paġna 137*

Sas-sena 1939 dan kien l-innu li jitkanta fil-knisja matul id-disat ijiem tan-Novena wara l-Barka bis-Sagrament, waqt il-bews (l-oskulu) tar-relikwija ta' San Lawrenz. Fil-verità l-kant ta' l-innu kien ikun ridott għall-ewwel tliet strofi biss. Anki l-paneġierku ta' filgħodu waqt il-quddiesa kantata kien ikun bit-Taljan.

Mis-sena ta' wara, peress li l-Italja fl-10 ta' Ġunju 1940 iddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra, u Malta sabet ruħha mdaħħla fil-gwerra wkoll, it-Taljan spiċċa u beda jinqaleb kollox għall-Malti.

Għalhekk il-poeta Dun Karm Psaila kien ingħata kopja ta' l-innu biex jaqilbu għall-Malti. Ingħata wkoll kopja tal-partitura mużikali biex ikun jista' jqabbel il-kliem għall-mużika wkoll. Din ma kinetx ħaġa diffiċli għal Dun Karm, peress li hu kien jaf idoqq il-pjanu.

Dan hu l-innu ta' Dun Karm:

***Lawrenzu, il-ferħ tagħna***
***Ngħannulek, ismagħna!***
***Hi l-għajta ta' ġensna***
***li tfawwar mill-qalb;***

***Int kewkba ta' dija***
***Sabiħa, qawwija;***
***int raħan ta' hena,***
***int tama fit-talb.***

***Għax nafu li darba,***
***fi żmien l-eħrex ġarba,***
***kont magħna titqabad***
***fuq l-iebes tas-swar.***

***Għalhekk il-belt tiegħek,***
***bis-saħħa ta' driegħek***
***mir-rebħ ħadet l-isem***
***li sar dak in-nhar.***

Kif jistgħu josservaw il-qarrejja, l-innu issa fih biss żewġ strofi ta' tmien versi, li jaqblu ma' l-ewwel żewġ strofi (ta' tmien versi wkoll) ta' l-innu tal-Mammana.

Ma nafux għaliex Dun Karm ma qalibx ukoll għall-Malti t-tielet u r-raba' strofa! Ma jiswa xejn li noqogħdu ngħidu "forsi għalhekk" jew "mhux għalhekk".

Dan ma jfissirx iżda li ma nifhmux x'kiteb Patri Mammana f'dawn l-istrofi. Għall-vantaġġ ta' dawk li ma jafux it-Taljan, ngħidu li l-ħsieb ta' dawn l-istrofi hu dan: li San Lawrenz jagħti lilna wkoll l-għajnuna bħalma kien taha lill-missirijietna, biex għal li ġej anki aħna nagħrfu nkunu rebbieħa fuq il-ħażen.

Għaldaqstant ma nonqsxux mill-ħeġġa ta' devozzjoni, ġieħ u qima lejn il-padrun tagħna San Lawrenz.

***Noti:***

1. L-ortografija Maltija ta' dak iż-żmien għad ma kinetx "ta l-Għaqda" kif inhi fil-preżent. Għalhekk, għalkemm qed nieħdu silta, kelma b'kelma, qed niktbuha bl-ortografija uffiċjali tal-lum.

2. Dwar l-isem proprju ta' l-awtur, fl-innu stampat fl-1908, insibu l-inizjali "S", u fil-lista tal-paneġiristi, għas-sena 1909, insibu l-isem imqassar "Salv" għal "Salvatore". Ma nafux għaliex fil-gazzetta ta' l-1913, li minnha ġibna s-silta, l-isem inbidel għal "Luigi". ❑